MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 19/2003

J & C Pisani Limited .

VS

Emanuel u Maureen konjugi Balzan, u E & M Holdings Limited .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn u ghaxar liri maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm2210.76) rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghall-hlas ta' merkanzija mixtrija minghand is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elfejn u tlieta (2003) u erbgha (4) ta' Awissu, elfejn u tlieta (2003), bl-imghaxijiet

legali mill-hmistax (15) ta' Settembru, elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament ingunti .

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont kif pretiz mhuwiex dovut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat ix-xhieda ta' John Pisani ghan-nom tas-socjeta' attrici .

Rat ukoll id-depozizzjoni ta' l-avukat Dottor Michael Grech prodott minn l-istess socjeta' attrici .

Rat ukoll il-verbal ta' l-istess Dottor Michael Grech tas-sitta ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) li permezz tieghu huwa ddikjara illi jirrizulta illi s-socjeta' E & M Holdings Limited, ma tezistix, u dana skond ma jirrizulta minn l-istess depozizzjoni ta' l-avukat dottor Michael Grech tas-sitta ta' April, elfejn u erbgha (2004) .

Innutat illi s-seduta tas-sitta ta' April, elfejn u erbgha (2004), gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti Emanuel u Maureen konjugi Balzan, u dana wara li l-istess socjeta' attrici cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuta l-ohra E & M Holdings Limited, stante l-inezistenza taghha, wara li gew imsejha l-konvenuti Emanuel Balzan u Maureen Balzan, fl-udjenza tal-lum stess, u peress li rrizulta li l-istess konvenuti msejha tlett darbiet naqsu illi jidhru ghal l-istess seduta, il-Qorti ghaddiet biex tiftah l-istess kapitoli illi nqraw, u ghal hekk skond il-ligi tiddikjara l-istess kapitoli ammessi, u tikkundanna lill-konvenuti Emanuel u Maureen konjugi Balzan sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn ghaxar liri u sitta u sebghin centezmu (Lm2210.76), rapprezentanti bilanc dovut minnhom ghal hlas ta' merkanzija mixtrija minghand is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju, elfejn u tlieta (2003), u erbgha (4) ta' Awissu, elfejn u tlieta (2003), kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-hmistax (15) ta' Settembru elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-istess konvenuti .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
s1903Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------